**20 ta' Marzu, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.*Hist.S.* – *President***
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred P. Farrugia *noe*

*versus*

Kummissarju tat-Taxxi Interni

**Likwidazzjoni Addizzjonali ta' Taxxa – Revoka – Rifuzzjoni tat-Taxxa Addizzjonali bl-Imgħax – Nuqqas f'xi Dipartiment Ieħor Governattiv**

*Ir-rifużjoni tat-taxxa adizzjonali u ta' l-imgħax huma konsegwenza naturali tad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-likwidazzjoni addizzjonali u dan ai termini normali tad-Dritt Komuni – il-Liġi Ċivili – tal-pajjiż.*

*Meta l-konvenut esiġa u rċieva pagament ta' flus li ma kienx dovut skond il-liġi l-attur nomine kien qed jiġi mtellef l-użu ta' flusu. Issa meta l-ħsara tikkonsisti filli ttellef persuna l-użu tal-flus tagħha, skond l-art. 1047 tal-Kodiċi Ċivili, din għandha tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet fuq is-somma mħallsa.*

*Id-diviżjoni tax-xogħol tal-Gvern f'Dipartiment differenti hija diviżjoni li saret għall-kumdità tiegħu, u jekk tolqot b'xi mod liċ-ċittadin, din għandha tolqtu bl-effiċjenza akbar tiegħu billi taqdi liċ-ċittadin aħjar u mhux agħar.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni Numru 258/84CS ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar, 1983 mill-Bord tal-Kummissarji Speċjali għat-Taxxi tal-Mewt u tad-Donazzjoni fil-kawża Numru 2/81 fl-ismijiet "Alfred P. Farrugia *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dok. B) ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur odjern għar-revoka ta' likwidazzjoni addizzjonali fl-ammont ta' Lm416.50, (li bl-imgħax laħqet (Lm445.90) li l-konvenut kien għamel fuq is-suċċessjoni tal-mejta Teresa Bonnici (li mietet fit-8 ta' Diċembru, 1978) u l-ħlas lura tas-somma mħallsa bl-imgħaxijiet mis-27 ta' Awissu, 1980, u bl-ispejjeż;

Peress li nonostante li din is-sentenza ngħatat, kif ingħad, fit-28 ta' Jannar, 1983, il-konvenut dam ma rrifonda l-imsemmi ammont sas-16 ta' Jannar, 1984, u rrifondiha mingħajr ebda mgħax u mingħajr l-ispejjeż tal-kawża quddiem l-isemmi Bord – mhux biss, iżda meta ġie interpellat b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar, 1984, (Dok. Ċ) irrisponda, kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-Bord, li ebda taxxa ma tinħareġ għal kawżi quddiem il-Bord imsemmi;

L-attur *nomine* talab lill-konvenut jgħid għaliex:

1) m'għandux jiġi ddikjarat li fuq l-ammont ta' Lm445.90, li rrifonda lill-attur fis-16 ta' Jannar, 1984, huma dovuti l-imgħaxijiet tat-8% fis-sena mis-27 ta' Awissu 1980;

2) m'għandhomx dawn l-imgħaxijiet jiġu llikwidati sal-ġurnata tas-sentenza li tingħata f'din il-kawża u l-konvenut ikkundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk illikwidat;

3) m'għandhomx jiġu llikwidati l-ispejjeż ta' l-attur fil-kawża pprecitata quddiem il-Bord tal-Kummissarji Speċjali għat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni deċiża fit-28 ta' Jannar, 1983, u l-konvenut ikkundannat iħallas lill-attur l-ammont li jiġi hekk illikwidat;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-8 ta' Marzu 1983 u 23 ta' Novembru 1983 u taż-żewġ ittri uffiċjali tas-17 ta' Novembru 1983 u 19 ta' Jannar, 1984 u bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fis-sens:

1) Waqt li l-Att ta' l-1975 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni jispeċifika li fuq it-taxxa li titħallas wara ż-żmien li tkun dovuta huma esiġibbli mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-imgħax tat-8% l-istess Att ma jipprovdi għal ebda taxxa (*recte* mgħax) fuq rifużjonijiet li jsiru i n segwitu għal deċiżjonijiet tal-Bord imwaqqaf taħt dak l-Att;

2) *Id-disposizzjonijiet tal-liġi ċivili m'humiex applikabbli* għall-każ preżenti kemm għax il-materja hija rregolata minn liġi speċjali kif ukoll għax ebda ammont ma kien dovut lill-attur *nomine* qabel id-data tad-deċiżjoni tal-Bord imsemmi;

3) Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ma laqax it-talba ta' l-attur *nomine* għar-rifużjoni ta' l-imgħax;

4) Wara d-deċiżjoni tal-Bord l-eċċipjent ħa passi mmedjati biex issir ir-rifużjoni dovuta u mhux responsabbli għal xi dewmien li seta' sar fil-ħlas u għalhekk l-ewwel żewġ talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

Illi t-tielet talba hija intempestiva peress illi l-eċċipjent qatt ma nnega li għandu jħallas lill-attur l-ispejjeż tal-kawża li saret quddiem l-imsemmi Bord, u fil-fatt huwa ħa l-passi neċessarji biex isir il-ħlas relattiv qabel ma ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni u għalhekk l-eċċipjent ma għandu jbati ebda spejjeż dwar din it-talba;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Settembru 1986 li biha:

1) Iddikjarat li fuq l-ammont ta' Lm445.90 li l-konvenut irrifonda lill-attur fis-16 ta' Jannar, 1984 huma dovuti l-imgħaxijiet tat-8% fis-sena mis-27 ta' Awissu 1980;

2) Iddikjarat li dawn l-imgħaxijiet għandhom ikunu llikwidati sad-data ta' l-effettiv pagament u l-konvenut huwa kkundannat iħallas lill-attur l-ammonti hekk illikwidati u

3) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba billi din

kienet ċeduta fil-kors tas-smigħ tal-kawża, ħlief għal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż, bl-ispejjeż kollha nklużi dawk relattivi għat-tielet talba għall-konvenut, u dana wara li kkunsidrat li:

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għamel likwidazzjoni addizzjonali tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq id-differenza tal-valur tal-fond in kwistjoni bejn il-pagament tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq dak il-fond partikolari fuq il-valur stmat ta' l-istess fond u l-ammont tal-bejgħ tiegħu għall-ammont ikbar minn dak stmat;

It-*taxpayer* oġġezzjona għal din il-likwidazzjoni addizzjonali u l-Bord ta' Kummissarji Speċjali tat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni laqa' "t-talba ta' l-appellant għar-revoka tal-likwidazzjoni addizzjonali fuq imsemmija maħruġa fuqu mill-appellat, u ddikjara l-istess likwidazzjoni addizzjonali bħala nulla u bla ebda effett, u konsegwentement mhix dovuta". Dwar il-kap ta' l-ispejjeż dawn għandhom jitħallsu *in toto* mill-appellat. "U dan b'deċiżjoni fl-istess ismijiet ta' din il-kawża tat-28 ta' Jannar, 1983. Il-Kummissarju rrifonda l-ammont tal-likwidazzjoni addizzjonali tat-taxxa fis-16 ta' Jannar, 1984, iżda mingħajr ma rrifonda l-imgħax fuq l-istess ammont. Il-problemi li kien hemm dwar il-pagament ta' l-ispejjeż kienu sorpassati waqt il-mori ta' din il-kawża, tant li t-tielet talba taċ-ċitazzjoni kienet ċeduta salv il-kap ta' l-ispejjeż dwarha. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti hija limitata għal jekk fuq l-ammont tar-rifużjoni tat-taxxa addizzjonali mħallsa kellux ikun hemm ukoll il-pagament ta' l-imgħaxijiet tat-8%;

Peress illi l-konvenut jinsisti illi d-deċiżjoni tal-Bord ċaħdet indirettament it-talba għall-imgħax huwa preliminarjament

neċessarju li l-Qorti tara sew x'kienet id-deċiżjoni tal-Bord. Il-parti deċiżiva tad-deċiżjoni tal-Bord tgħid dan:

"Il-Bord jilqa' t-talba ta' l-appellant għar-revoka tal-likwidazzjoni addizzjonali fuq imsemmija maħruġa lilu mill-appellat, u jiddikjara l-istess likwidazzjoni addizzjonali bħala nulla u bla effett, u konsegwentement mhix dovuta". Din id-deċiżjoni kienet fir-rigward tat-talba miġjuba fl-ewwel paragrafu ta' l-istess deċiżjoni:

"fejn intalbet ir-revoka tal-likwidazzjoni addizzjonali fl-ammont ta' Lm416.98,5, u l-ħlas lura ta' din l-istess somma mill-appellat u bl-interessi mid-data tal-ħlas....";

It-talba kienet għar-revoka u għall-ħlas lura (a) tas-somma u (b) ta' l-interessi;

Issa huwa veru li d-deċiżjoni ma qagħdetx tagħżel bejn ħlas lura tas-somma u l-pagament ta' l-interessi, iżda kkonċentrat fuq id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-likwidazzjoni addizzjonali. Għalhekk ma jsegwix dak li ntqal fl-ewwel paragrafu tan-nota responsiva tal-konvenut li l-Bord ma laqax it-talba ta' l-attur għall-interessi. Li kieku dan kien minnu, kellu jsegwi li l-anqas laqa' t-talba għar-rifużjoni tat-taxxa addizzjonali mħallsa għax ma qal xejn speċifiku dwar daqshekk. Il-Bord ikkonċentra fuq l-essenzjal, id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-likwidazzjoni addizzjonali u kkunsidra, kif jiġri dejjem, li r-rifużjoni tat-taxxa addizzjonali u ta' l-imgħax huma konsegwenza naturali tad-dikjarazzjoni tan-nullità *ai termini* normali tad-Dritt Komuni – il-Liġi Ċivili – tal-pajjiż;

L-anqas ma jista jingħad, kif jingħad fl-eċċezzjonijiet tal-

konvenut, illi l-Liġi Ċivili kienet b'xi mod minsusa bl-Att ta' l-1975 dwar it-Taxxa tal-Mewt u *tad-Donazzjoni* billi dan jispeċifika li fuq it-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni billi dan jispeċifika li fuq it-taxxa li titħallas wara ż-żmien li tkun dovuta huma eżiġibbli mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-imgħax tat-8% filwaqt li l-istess Att ma jipprovdi ebda mgħax fuq rifużjonijiet *li* jsiru *in* segwitu għad-deċiżjonijiet tal-Bord imwaqqaf taħt dak l-Att. Huwa veru li *leges posteriores derogant priores;* iżda dan jiġri meta jew il-liġi posterjuri tgħid dan ċar; inkella meta bejn il-liġi sussegwenti u l-liġi li diġà teżisti hemm konflitt ċar u li jidher mill-ewwel b'mod li ż-żewġ disposizzjonijiet tal-liġi ma jkunux jistgħu joqogħdu flimkien. Issa dan mhux il-każ f'dan il-kontest. L-Att ta' l-1975 dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjonijiet, daħħal l-imgħax fuq it-taxxa li titħallas wara ż-żmien; ħaġa li ma setgħetx issir mingħajr *disposizzjoni ad hoc* (l-ebda taxxa ma tista' tinġabar mingħajr l-awtorità tal-liġi) u peress li l-liġi ċivili diġà tikkontempla ċ-ċirkostanzi li fihom għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet in forza tal-liġi, ma kellux għalfejn jikkontempla din il-ħaġa separatament mill-Kodiċi Ċivili biex la jħawwad u l-anqas jitħawwad. Huwa għalhekk li l-Kodiċi Ċivili japplika fil-materja, u l-Att ta' l-1975 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni ma kellu bżonn jispeċifika xejn. Ma daħħal l-ebda kuntrast; mela mhux il-każ ta' *leges posteriores derogant priores;* anzi huwa l-każ li l-liġi posterjuri bis-skiet tagħha qiegħda ssaħħaħ ir-reġim eżistenti u ttih il-forza; la l-liġi sussegwenti ma ddisturbatx lil-liġi komuni, għandu jinftiehem li l-liġi sussegwenti riedet iżżomm ir-reġim li diġà jeżisti u għalhekk kienet korrettissima l-argumentazzjoni legali ta' l-attur dwar l-eżiġibilità ta' l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' taxxa llikwidata addizzjonalment u mħallsa lill-konvenut skond l-ordni tiegħu u dan mill-mument tar-rifużjoni sad-data ta' l-effettiv pagament;

Kien allegat li xi dewmien fir-rifużjoni ma kienx ħtija tal-konvenut, iżda ta' xi ħaġa li setgħet saret f'xi Dipartiment ieħor; kif *del resto* x'aktarx kienet ukoll id-deċiżjoni li seta' ħa xi ħadd dwar l-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Bord ma jitħallsux, tant li dawn tħallsu, kif ingħad, fil-mori ta' din il-kawża;

Issa apparti li billi l-ebda xhieda ma ġew imressqa quddiem il-Qorti fuq daqshekk, bilfors li l-Qorti jkollha timxi fuq il-massima legali qadima u tradizzjonali ta' *quod gratis asseritur, gratis negatur;* id-diviżjoni tax-xogħol tal-Gvern f'Dipartimenti differenti, hija diviżjoni li saret għall-kumdità tiegħu, u jekk tolqot b'xi mod liċ-ċittadin, din għandha tolqtu bl-effiċjenza akbar tiegħu billi taqdi liċ-ċittadin aħjar u mhux agħar. Prattiki amministrattivi li nħolqu fl-interess tal-komunità, il-komunità għandha tissalvagwarda li jaħdmu tajjeb; iċ-ċittadin li jitratta ma' diversi dipartiment fuq kwistjoni waħda għandu kull dritt jistenna li l-azzjoni tad-diversi dipartimenti, la qiegħda ssir fl-interess tagħhom għandha tkun *streamlined* u mingħajr ma toħloq xi kumplikazzjonijiet sostanzjali tort ta' mekkaniżmu msaddad, dan dejjem sakemm il-liġi ma tkunx qalet mod ieħor, għax il-liġi fuq kulħadd kif tixhed il-massima tradizzjonalment segwita: "Għoli kemm inti għoli, ssib li l-Liġi ogħla minnek";

Huwa opportun li jingħad a skans ta' xi ekwivoku sfortunat riferibbilment għar-riferenza li saret għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-30 ta' Jannar, 1939, *in re* Bartoli *vs* Pace li ma għandu jitħallas ebda mgħax fuq rifużjonijiet lil *taxpayers,* li turi abbastanza ċar it-tieni paragrafu tar-replika ta' l-attur, il-fattspeċje ta' dak il-każ kienu differenti għal kollox minn dawk ta' dan il-każ, bil-konsegwenza li l-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza ma japplikawx għal dan il-każ;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fit-23 ta' Settembru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fit-2 ta' Ottubru, 1986 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li dina l-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Settembru, 1986 fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi billi *tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-atturi* appellati *(sic)* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati *(sic)*;

Rat ir-risposta ta' l-attur għall-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-13 ta' Ottubru 1986;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali ma tat l-ebda dritt għall-imgħax li ma ssemma xejn fid-deċiżjoni tagħha. Anke kieku wieħed kellu jgħid għall-grazzja ta' l-argument li l-imgħax kien dovut taħt l-art. 1090 (illum l-art. 1047) tal-Kodiċi Ċivili, allura dejjem skond l-istess appellant, trid tiġi ppruvata ħsara u dwar din il-ħsara ma nġiebu l-ebda provi;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tas-sentenza ta' l-imsemmi Bord jirriżulta li

għalkemm l-attur appellat *nomine* kien espressament talab ir-revoka ta' l-*additional assessment* fl-ammont ta' Lm416.98,5 u l-ħlas lura tas-somma in kwistjoni bl-interessi mid-data tal-ħlas, u ċjoè mis-27 ta' Awissu, 1980, oppure bid-deċiżjoni tiegħu l-imsemmi Bord kien illimita ruħu biex jgħid li "jilqa' t-talba ta' l-appellant għar-revoka tal-likwidazzjoni addizzjonali maħruġa lilu mill-appellat (i.e. l-Kummissarju tat-Taxxi) u jiddikjara l-istess likwidazzjoni li bħala nulla u bla ebda effett u konsegwentement mhux dovuta";

Minn eżami ta' l-istess deċiżjoni għalhekk ma jistax jingħad li l-Bord ikkundanna lill-konvenut appellant li jħallas lura l-imsemmija somma iżda llimita ruħu biex jgħid, wara li r-revoka l-likwidazzjoni addizzjonali, li l-istess likwidazzjoni hija nulla u bla ebda effett, u "konsegwentement mhux dovuta";

Dawn il-kliem ta' l-imsemmija deċiżjoni però fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti għandhom importanza għax juru li s-somma in kwistjoni qatt ma kienet dovuta u meta tħallset lill-konvenut appellant għax kien eżiġiha fl-okkażjoni tal-bejgħ tal-fond li kien inkluż fiċ-*"chargeable transmission"* l-attur *nomine* kien qed jiġi mtellef l-użu ta' flusu;

Għal din il-ħsara huwa responsabbli l-istess konvenut appellant għaliex hija konsegwenzjali għall-fatt li hu esiġa u rċieva pagament ta' flus li ma kienx dovut skond il-liġi (ara fl-istess sens id-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża "Ursolina Aquilina *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni, 19 ta' Frar 1988);

Issa meta l-ħsara tikkonsisti filli ttellef persuna l-użu tal-flus tagħha, skond l-art. 1047(1), ġà l-art. 1090(1), tal-Kodiċi Ċivili, din għandha tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet fuq is-

somma mħallsa. Dawn l-imgħaxijiet kienu bil-ħamsa fil-mija (5%) sa meta daħal *in vigore* fis-26 ta' April, 1983 l-Att VI ta' l-1983 meta saru bit-tmienja fil-mija (8%). għalhekk l-imgħaxijiet dovuti huma inqas minn dawk irreklamati billi għall-perijodu mis-27 ta' Awissu 1980 (data tal-pagament magħmul mill-attur *nomine)* sal-25 ta' April 1983 għandhom jiġu kkalkolati bil-ħamsa fil-mija (5%) u għalhekk fuq is-somma ta' Lm445.90 (li ma tidhirx li hi kkontestata) jammonta għal Lm59.32,2 mentri għall-perijodu mis-26 ta' April 1983 sas-16 ta' Jannar 1984 (data tar-rifużjoni ta' l-imsemmija somma) l-imgħax għandu jiġi kkalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) u għalhekk jammonta għal Lm25.99,6 – b'kollox Lm85.36,8;

Kwantu għat-tieni talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni jidher li dina hija pedissekwa għall-ewwel waħda fis-sens li fil-waqt li l-ewwel talba hija ntiża biex tottjeni **dikjarazzjoni** mill-Qorti li fuq l-ammont ta' Lm445.90 huma dovuti l-imgħaxijiet mis-27 ta' Awissu, 1980, it-tieni talba hija ntiża biex tottjeni l-**likwidazzjoni** ta' l-istess imgħaxijiet sad-data tas-sentenza li tingħata f'din il-kawża u **l-kundanna** tal-konvenut għall-ħlas ta' din is-somma. F'dan ir-rigward il-Qorti diġà llikwidat kemm huma l-imgħaxijiet dovuti sad-data tar-rifużjoni ta' l-imsemmija somma ta' Lm445.90 u bħall-ewwel Qorti ma tarax li għandha tagħti l-imgħaxijiet wara din id-data billi ma jistax jingħad, *ai termini* ta' l-art. 1047(1) fuq ċitat, li l-attur appellat *nomine* tilef l-użu tal-flus tiegħu (ċjoè l-imsemmija somma ta' Lm445.90) wara li dawn il-flus kienu ġew rifużi lilu. Għalhekk is-somma ta' imgħaxijiet dovuti lill-attur appellat *nomine* hija dik ta' Lm85.36,8;

Kwantu mbagħad għat-tielet talba, il-Qorti ma tarax li b'xi mod tista' tbiddel il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti. Il-konvenut

appellant ħallas l-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Bord tal-Kummissarji Speċjali wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna li ġiet magħmula wara li kien ġie nterpellat inutilment biex iħallashom u għalhekk għandu jbati l-ispejjeż relattivi għall-istess tielet talba. Jista' jiżdied f'dan ir-rigward li bejn id-deċiżjoni tal-Bord li biha ġie kkundannat iħallas *in toto* l-ispejjeż u li ngħatat fit-28 ta' Jannar 1983 u d-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni i.e. 6 ta' Marzu 1984 għaddiet iżjed minn sena u f'dan il-perijodu kollu l-konvenut appellant kellu biżżejjed żmien biex iħallas l-istess spejjeż kif kien obbligu tiegħu li jagħmel;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi (1) kwantu għall-ewwel talba tiddikjara li fuq l-ammont ta' Lm445.90 li l-konvenut appellat irrifonda lill-attur *nomine* fis-16 ta' Jannar 1984 huma dovuti l-imgħaxijiet tal-ħamsa (5) fil-mija fis-sena mis-27 ta' Awissu 1980 sal-25 ta' April 1983 u l-imgħaxijiet ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena mill-26 ta' April 1983 sas-16 ta' Jannar 1984 (2) tillikwida l-istess imgħaxijiet fis-somma ta' Lm85.36,8 u tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur *nomine* dan l-ammont u b'dan il-mod tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel żewġ talbiet taċ-ċitazzjoni u (3) tiċħad l-appell inkwantu jirrigwarda t-tielet talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni u tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti nkwantu tirrigwarda din it-tielet talba. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti u l-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu wkoll mill-konvenut appellant;